Illi hija u l-intimat kellhom relazzjoni twila tlettax-il sena li minnha twieled il-minuri wild li llum għandu sentejn u disa' xhur;

Illi din ir-relazzjoni ta' bejniethom intemmet ħesrem mill-intimat f'Settembru 2004, meta dan stqarr ma' l-esponenti illi kellu relazzjoni ma' ċerta Silvana Sammut;…

……Omissis……

Illi wara li intemmet din ir-relazzjoni, l-esponenti intavolat serje ta' rikorsi sabiex ikunu mħarsa d-drittijiet tagħha ta' omm u fuq kollox sabiex ikunu mħarsa l-interessi primarji u supremi ta' binha minuri;

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 11th August 2006, in the records of the Letter No. 226/06 JSF, in the names Jennifer Zahra vs Ian Bonello, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) on the 7th July 2006, in the records of mediation number 226/06, in the names Jennifer Zahra (484076M) vs Ian Bonello, the applicant Jennifer Zahra, pleaded with respect;

That she and the respondent had a relationship which lasted thirteen years from which the minor who is two years nine months old was born;

That this relationship which they had between them ended all of a sudden in September 2004, when the latter declared with the applicant that he had a relationship with a certain Silvana Sammut; ……

……Omissis……

That after this relationship ended the applicant filed a series of applications in order to safeguard her rights of a mother and above all so that the primary and supreme interests of her minor son be safeguarded;

Illi l-esponenti ottjeniet digriet minn din l-Onorabbli Qorti għall-hlas lilha ta' manteniment ta' mitt lira fix-xahar (Digriet Nru 266/05) li l-intimat huwa obbligat li jħallas għall-minuri, filwaqt li l-aċċess tal-minuri mill-intimat isir nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa, u l-Ġimgħa mis-6.00 p.m sa 8.00 p.m., u darba s-Sibt u alternattivament il-Ħadd mid-9.30 a.m. sa nofsinhar (Digriet Nru 1316/05);

Illi wara dawn iż-żewġ digrieti ottjenuti mill-esponenti u wara diversi inċidenti mwettqa mill-intimat, meta dan imur jeżerċita d-dritt ta' aċċess din l-Onorabbli Qorti ordnat illi l-aċċess jibda jsir mill-għassa tal-Pulizija tar-Rabat, liema aċċess għadu hekk sal-lum;

……..Omissis……

Illi qed jidher ampju mill-komportament tal-minuri meta jiġi lura mill-aċċess illi qed ikun hemm preżenza ta' terza persuna tas-sess femminili li qed tħawwad moħħ l-istess minuri, ……Omissis……

Illi di più xi ħaġa li anki qed tinkwieta lill-esponenti, il-minuri kull meta jirritorna d-dar mill-aċċess, jibda jgħajjat u anke jgħajjar ta' innoċenti li hu lill-ommu u lil nantu materna …….Omissis……

Illi apparti minn hekk irriżultaw xi inċidenti waqt li jsir l-aċċess illi huma inċidenti gravi u li jħallu effetti negattivi fuq il-minuri …….Omissis……

Illi l-komportament tal-minuri qed jibda juri ċerta ansjetà u rabja versu ommu imma fuq kollox versu n-nanna materna tant illi meta jirrabjaw miegħu saħansitra jgħidilhom ta' tifel li hu 'ħa mmur l-għassa' – biex din il-Qorti tifħem f'liema stat ta' stress mentali għaddej minnu l-minuri bil-kontinwi provokazzjonijiet da parti ta' l-intimat u fuq kollox ta' ommu;

Illi din is-sitwazzjoni ma tistgħax tibqa' sejra hekk għaliex inkella l-minuri jibda jsofri minn ħsara psikoloġika irreparabbli, meta qed jimmanifesta anki saħansitra dubji fuq min hi ommu;

Illi tali komportament da parti ta' l-intimat li ma jarax lil ibnu imma jħalih f'idejn ommu u seħbitu, ……..Omissis……

Illi qed ikun irrilevat quddiem din l-Onorabbli Qorti illi minkejja illi hemm digriet ta' manteniment ta' Lm100 mensili, l-intimat ma jħallasx dan il-manteniment u attwalment għandu jagħti lill-esponenti manteniment ta' Lm 500; ….

…….Omissis……

Illi in oltre l-intimat qed jirritorna lill-minuri tard ħafna mill-aċċess, ……Omissis……

That the applicant obtained a decree from this Honourable Court for the payment to her of maintenance of one hundred Maltese liri per month ( Decree number 266/05) which the respondent is bound to pay to the minor, whilst the access to the minor from the respondent is to be made on Monday, Wednesday and Friday from 6.00pm to 8.00pm and once on Saturday and alternatively on Sunday from 9.30am to 12.00pm (Decree No. 1316/05);

That following these two decrees obtained by the applicant and after various incidents carried out by the respondent, when he goes to exercise the right of access this Honourable Court ordered that access shall be carried out from the Police Station in Rabat, which access is still like this till this day;

……..Omissis……

That it appears clear from the behaviour of the minor when he comes back from the access that there is the presence of a third party of the female sex which is confusing the mind of the same minor, ……Omissis……

That furthermore something which is worrying the applicant, the minor, whenever he returns home from the access, starts to shout and insult his mother and the maternal grand mother ……Omissis……

That apart from this their resulted some incidents during the access which are grievous incidents and which leave a negative effect on the minor ……Omissis……

That the behaviour of the minor is starting to show a certain anxiety and anger towards his mother but above all towards the maternal grandmother so much so that when they shout at him he tells them ' I am going to the police station' so that this Court understands what kind of mental stress the minor is passing through with the continuous provocation of the respondent and his mother;

That this situation cannot go on any further otherwise the minor shall suffer irreparable psychological damage, when he is showing doubts even as regards his mother;

That this behaviour on the part of the respondent who does not see his son but leaves him with his mother and partner,……Omissis……

That it is being pointed out before this Honourable Court that notwithstanding that there is a maintenance decree for Lm100 per month, the respondent does not pay this maintenance and actually owes the applicant maintenance of Lm500;

……Omissis……

That furthermore the respondent is returning the minor very late from access ……Omissis……

Illi meta wieħed janalizza dawn l-elementi kollha su rilevati għandu jasal għall-konklużjoni illi tassew l-intimat jiġi jaqa' u jqum mid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, …..Omissis……

Għaldaqstant l-esponenti qed titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna sabiex l-aċċess tal-minuri jkun eżerċitat mill-intimat Ian Bonello u jkun eżerċitat taħt is-superviżjoni ta' l-Aġenzija Appoġġ u jkun nominat espert psikjatriku tat-tfal sabiex jidentifika s-sors u jkunu determinati x'rimedji għandhom jittieħdu ħalli l-minuri ma jibqgħax taħt l-istress psikoloġiku li għaddejjin minnu u taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq li tordna fl-aħjar interess tal-minuri.

Notifika Intimat: 1. 63, Louis Flat 1, Triq Borg, Fleur-de-Lys, Birkirkara.

2. …..Omissis……

3. No.4, Alley 5, Triq il-Kbira, Dingli.

Reġistru tal-Qorti tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) illum 29 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That when one analyses all the elements above he should arrive to the conclusion that the respondent does not take notice of the decree of this Honourable Court ……..Omissis……

Thus the applicant humbly asks that this Honourable Court orders that access to the minor be exercised by the respondent Ian Bonello and be exercised under the supervision of the Appogg Agency and that a psychiatric expert for children be appointed to identify the source and there be determined what remedies are to be taken so that the minor does not remain under the psychological stress he is passing through and under those provisions which this Honourable Court deems fit to order in the best interest of the minor.

Notify Respondent: 1. 63, Louis Flat 1, Borg Street, Fleur-de Lys, Birkirkara.

2. Omissis……

3. No. 4, Alley 5, Main Street, Dingli.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 29th August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1299

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' Nota ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-24 ta'Awissu 2006, min-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel, ġab is-segwenti dokument biex jiġi ppubblikat skond ir-rieda u l-fehma tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Permezz ta' kuntratt fl-atti ta' l-istess Nutar hawn fuq imsemmi Raymond Anthony Grech, Company Director, bin il-mejjet Joseph u Rebecca neé Żammit, imwieled u joqgħod Birkirkara, (Karta ta' l-identità numru 735850(M) emanċipa lil ibnu Samuel Paul Grech, u bin il-mejta Jane sive Janet neé Spiteri, imwieled u joqgħod Birkirkara, att tat-twelid tiegħu numru elf tmien mija u ħamsin tas-sena elf disa' mija disgħa u tmenin ( 1,850/1989) u awtorizzah jagħmel l-atti kollha tal-kummerċ għal finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI , LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of a Note filed in the First Hall Civil Court, on the 24th August 2006, by Notary Dr. Gerard Spiteri Maempel , produced the following document to be published according to the provisions of the Commercial Code.

By means of a contract in the records of the same Notary above mentioned Raymond Anthony Grech, Company Director, son of the late Joseph and Rebecca neé Zammit, born and residing in Birkirkara, (Identity card number 735850(M) emancipated his son Samuel Paul Grech, and son of the late Jane sive Janet neé Spiteri, born and residing in Birkirkara, his act of birth number one thousand eight hundred and fifty of the year one thousand nine hundred and eighty nine (1,850/1989) and authorized him to carry out all acts of trade for all intents and purposes of law.

Registry of the Superior Courts, today 29th August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1300

Ikun jaf kulħadd illi il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Awissu 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 4287/06, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Edwin Galea ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 11 ta' Lulju 2006

Lil Edwin Galea (ID Numru 143965 M)

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jinterpellak ai termini ta' l-Artikolu 59 ta' l-Att XXIII ta' l-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' elfejn, mija u ħdax-il Lira Maltin u erbgħin ċenteżmu (Lm2,111.40) rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond l-Att XXIII ta' l-1998, fuq imsemmi sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u partikolarment iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra tiegħek permezz ta' l-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Mittenti: Centre Point Building,
Triq ta' Paris, Birkirkara.

Notifika Intimat: Edwin Galea
44, 'Miami', Triq il-Pwales, San Pawl il-Baħar.

Reġstru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 29 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates ( Malta) by means of a decree given on the 16th August 2006, in the records of the judicial letter number 4287/06, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Edwin Galea ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187 (3) of Capt. 12.

In the Court of Magistrates (Malta), today 11th July 2006

To Edwin Galea (ID Number 143965M)

By the present the Commissioner for Value Added Tax, calls upon you in terms of Article 59 of the Act XXIII of 1998 so that within two (2) from the service of this act, you pay the amount of two thousand, one hundred and eleven Maltese Liri and forty cents (Lm2,111.40) representing amount due by you as Value Added Tax.

With costs and interest according to Act XXIII of 1998 above mentioned till the date of effective payment.

This calling is being made for all effects and purposes of law and particulary but not exclusively to render executable the executive title which the same Commissioner for Value Added Tax has against you by means of the Notice sent to you.

Failing which the interpellant warns you that he shall execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Interpellant: Centre Point Building,
Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notify Respondent: Edwin Galea
44, 'Miami', Pwales Road, Saint Paul's Bay.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 29th August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunal

1301

Ikun jaf kulhadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Awissu 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali Nru 4283/06, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Thomas Busuttil pro et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut pro et noe, a tenur ta' l-Artikolu 18793) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 11 ta' Lulju 2006.

Lil Thomas Busuttil (ID Nru 793144M f'ismek personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Teg Industries Ltd (Reg. Nru C -5546).

Permezz tal-preżenti, id-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa jinterpellak ai termini ta' l-Artikolu 50 ta' l-Att XˆII ta' l-1997, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' mitejn u ħamsa u erbgħin Lira Maltin u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm245.32) rappreżentanti ammont dovut minnek pro et noe skond l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond l-Att XII ta' l-1997 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u partikolarment iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa kontra tiegħek permezz ta' l-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Mittenti: Centre Point Building, Triq ta' Paris, Birkirkara.

Notifika Intimat: Thomas Busuttil, 23, Triq Dun Mikiel Xerri, il-Mosta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 30 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates ( Malta) by means of a decree given on the 16th August 2006, in the records of the judicial letter number 4283/06, in the names Commissioner for Value added Tax vs Thomas Busuttil pro et noe, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant pro et noe, according to Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta), today 11th July 2006.

To Thomas Busuttil (ID Number 793144M) in your own name and as director in the name and in representation of the company Teg Industries Ltd ( Reg. Number C-5546).

By the present, the Director of Customs and Excise calls upon you in terms of Article 50 of Act XII of 1997 so that within two (2) two days from the service of this act, you may the amount of two hundred and forty five Maltese Liri and thirty two cents (Lm245.32) representing amount due by you pro et noe according to the same Act.

With costs and interest according to Act XII of 1997 till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particulary but not exclusively in order to render executable the executive title that the Director for Customs and Excise has against you by means of the Notice sent to you.

Failing which the interpellant warns you that he shall pass to execute the said executive title he has against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Interpellant: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notify Respondent: Thomas Busuttil, 23, Dun Mikiel Xerri Street, Mosta.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 30th August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1302

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tad-9 ta' Diċembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Salon Services Ltd C16885 ta' Marisk, Old Railway Track, Santa Venera, ippreżentaw Talba fis-17 ta' Mejju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Carmen Borg ID No. 15799(M) sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' seba' mija tnejn u sittin Lira Maltin (Lm762) dovuti in konnessjoni ma' bejgħ ta' prodotti tar-raba'.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta inġunta in subizzjoni.

Il-kawża Talba Numru 1074/05 MK hija differita għat-18 ta' Settembru 2006, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) illum 30 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of the 9th December 2005, the publication of the extract which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Salon Services Ltd C16885 ta' Marisk, Old Railway Track, Santa Venera, filed a Claim on the 17th May 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Carmen Borg ID No. 15799(M) to pay the plaintiff company the sum of seven hundred and sixty two Maltese Liri (Lm762) due in connection with the sale of agricultural products.

With costs against the defendant summoned so that a reference to her evidence be made.

The case Claim Number 1074/05 MK has been put off to the 18th September 2006, at 12.30 p.m.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 30th August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1303

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar ta' l-24 ta' Marzu 2006, ġiet ordnat pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Aluserv Limited C-16207 Industrial Estate, Mrieħel, ippreżentaw Talba, fl-20 ta' Jannar 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Isabel Tapp, 5, Valley View Apartments, Triq ix-Xehda, San Pawl tat-Tarġa, in-Naxxar, sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' mitejn tnejn u ħamsin Lira Maltin u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm252.28) in konnessjoni ma' xogħol ta' l-aluminju.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenuta li hija inġunta in subizzjoni.

Il-kawża Talba Numru 51/06 DC hija differita għall-25 ta' Settembru 2006, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta) illum 30 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of the 24th March 2006, the publication of the extract which appears hereunder was ordered for the purpose of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Aluserv Limited C -16207 Industrial Estate, Mrieħel, filed a Claim on the 20th January 2006, whereby they asked the Tribunal to condemn Isabel Tapp, 5, Valley View Apartment, ix-Xehda Street, San Pawl tat-Tarġa, Naxxar to pay the plaintiff the sum of two hundred and fifty two Maltese Liri and twenty eight cents (Lm252.28) in connection with aluminium works.

With costs and interest against the defendant who is summoned so that a reference to her evidence be made.

The case Claim Number 51/06 DC is put off to the 25th September 2006, at 12.30 p.m.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 30th August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1304

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tad-19 ta' Mejju 2006, ġiet ordnat pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Aluserv Limited C-16207 Aluserv Building, Industrial Estate, Mriehel, ippreżentaw Talba fl-20 ta' Jannar 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Alfred Zariffa, Spring Glory, H. Smith Street, Naxxar, sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' erba' mitt Lira Maltin (Lm400) in konnessjoni ma' xogħol ta' l-aluminju.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenut li huwa inġunt in subizzjoni.

Il-kawża Talba Numru 53/06 DC hija differita għal-25 ta' Settembru 2006, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta) illum 30 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of the 19th May 2006, the publication of the extract which appears hereunder was ordered for the purpose of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Aluserv Limited C -16207 Industrial Estate, Mriehel, filed a Claim on the 20th January 2006, whereby they asked the Tribunal to condemn Alfred Zariffa, Spring Glory, H. Smith Street, Naxxar, to pay the plaintiff the sum of four hundred Maltese Liri (Lm400) in connection with aluminium works.

With costs and interest against the defendant who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The case Claim Number 53/06 DC is put off to the 25th September 2006, at 12.30 p.m.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 30th August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1305

Ikun jaf kulħadd li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, laqgħet it-talba ta' Patrick Kinmont ta' sitta u tletin sena bin missier mhux magħruf u Emily Kinmont, imwieled Tas-Sliema nhar is-27 ta' Novembru 1966 u residenti 17, Sqaq San Pawl, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 509666(M) fejn ordnat il-waqfien ta' l-ordni ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa imposta fuqu permezz tas-sentenza tat-2 ta' Novembru 2005 u dana ai termini tal-artikolu 19(7) tal-Kap. 9 ta' l-Liġijiet ta' Malta u ordnat ukoll il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

L-Ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn kien hemm l-ordni ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa imposta bis-sentenza tat-2 ta' Novembru 2005 kienet ġiet debitament ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern, Avviż Nru. 2423 fit-18 ta' Novembru 2005.

Reġistru ta l-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali, illum 30 ta' Awissu, 2006

PAUL MIRUZZI
Reġistratur

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature, acceded to the request of Patrick Kinmont, 36 years old, son of unknown father and Emily Kinmont, born in Sliema on the 27th November 1966 and residing at 17 Sqaq San Pawl, Birkirkara, holder of ID card number 509666M, whereby ordered the termination of the order of a general perpetual interdiction imposed on him by means of a Court Judgment dated 2nd November 2005 and this in terms of Article 19(7) of Chapter 9 of the Laws of Malta and also ordered the publication in the Malta Government Gazette.

The Order of the Court of Magistrates (Malta) whereby there was imposed the general perpetual interdiction imposed by means of a Court Judgment dated 2nd November 2005 had been duly published in the Malta Government Gazette, Notice No. 2423 on the 18th November 2005.

Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta), today the 30th August, 2006

PAUL MIRUZZI
Registrar

1306

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Awissu 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Nru 531/04 GV, fl-ismijiet Perit Joseph Paul Mallia et vs Francis Deguara et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Francis Deguara, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Ottubru 2005, mill-konvenuta Angelina sive Angela Deguara, ID 93548(M) fl-atti taċ-ċitazzjoni, ippreżentata fil-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Ottubru 2005, Ċitazzjoni Nru 531/04 GV, fl-ismijiet Il-Perit Joseph Paul Mallia, Dr. Joseph George Mallia, Mary Sammut, il-Perit David Mallia, Annunzjata sive Nancy Bugelli, Henry Garrett u Jane Garrett vs Francis Deguara u Angelina sive Angela Deguara, ir-rikorrenti esponiet bir-rispett;

Illi b'Ċitazzjoni tagħhom l-atturi ppremettew illi permezz ta' skrittura privata datata 11 ta' Marzu 1998, huma taw u kkonċedew b'titolu ta' lokazzjoni a favur tal-konvenuti l-fond mingħajr numru uffiċjali fi Triq ir-Ramla ta' San Tumas, il-Bajja ta' San Tumas, fl-inħawi magħrufa bħala 'Is-Simar', Wied il-Għajn, liema lokazzjoni tinkludi ħamest ikmamar eżistenti fil-fond, il-water closet iż-żgħir li hemm fuq wara u l-passaġġ ta' quddiemu kif ukoll għaxar metri fond in-naħa ta' wara ta' l-istess fond, dan versu l-pattijiet u l-kundizzjonijiet elenkati fl-istess skrittura privata inkluż;

……..Omissis……

Ippremettew ukoll li l-konvenuti għandhom jagħtu lill-attur s-somma ta' Lm4,620 in linea ta' l-arretrati ta' kera għall-fond fuq imsemmi mikri lilhom mill-atturi u preċiżament Lm1,870 bilanċ mis-somma ta' Lm2,200 rappreżentanti l-kera għall-perjodu mit-3 ta' April 2003 sat 2 ta' April 2004, u Lm2,750 in linea ta' kera għall-perjodu mit-3 ta' April 2004 sat-2 ta' April 2005; ippremettew ukoll illi nonostante l-fatt illi l-konvenuti ġew interpellati jħallsu lill-atturi din is-somma ta' Lm4,620 permezz ta' ittra uffiċjali datata 12 ta' April 2004, liema ittra uffiċjali ġiet notifikata lill-konvenut fit-8 ta' Ġunju 2004 u lill-konvenuta fit-28 ta' Ġunju 2004, l-istess konvenuti baqgħu inadempjenti. Ippremettew ukoll illi huma jridu u bil-preżenti qegħdin jinvokaw id-dritt spettanti lilhom permezz tal-klawsola 5 ta' l-iskrittura privata de quo li jitterminaw il-kirja minnufih u jieħdu lura ċ-ċwievet wara li jgħaddu 15-il ġurnata mid-data li fiha l-konvenuti jkunu ġew interpellati b'ittra kif intqal aktar 'il fuq u dan mingħajr preġudizzju li l-

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 23rd August 2006, in the records of the Writ of Summons Number 531/04 GV, in the names Architect Joseph Paul Mallia et vs Francis Deguara et, ordered the following publication for the purpose of service of Francis Deguara, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application in the Court of Appeal of the 28th October 2005, by the defendant Angelina sive Angela Deguara ID 93548(M) in the records of the writ of summons, filed in the Court of Appeal on the 28th October 2005, a Writ of Summons Number 531/04 GV, in the names Architect Joseph Paul Mallia, Dr. Joseph George Mallia, Mary Sammut, Architect David Mallia, Annunzjata sive Nancy Bugelli, Henry Garrett and Jane Garrett vs Francis Deguara and Angelina sive Angela Deguara, the applicant pleaded with respect;

That by a Writ of Summons the plaintiffs premised that by means of a private writing dated 11th March 1998, they granted and conceded by title of lease in favour of the defendants the premises without official number in the Street Ramla ta' San Tumas, San Tumas Bay, in the vicinity known as 's-Simar' Wied il-Ghajn, which lease includes five rooms existing in the premises, the small water closet on the back and the passage in front as well as ten metres depth on the back of the same premises, this towards the pacts and conditions mentioned in the same private writing including

…….Omissis……

They also premised that the defendants owe to the plaintiff the sum of Lm4,620 by way of arrears of rent for the premises above mentioned leased to them by the plaintiffs and precisely Lm1,870 balance from the sum of Lm2,200 representing rent for the period from the 3rd April 2003 till the 2nd April 2004 and Lm2,750 by way of rent for the period 3rd April 2004 till the 2nd April 2005, They also premised that notwithstanding the fact that the defendants were called upon to pay the plaintiffs this sum of Lm4620 by means of a judicial letter dated 12th April 2004, which judicial letter was notified to the defendant on the 8th June 2004 and to the defendant on the 28th June 2004, the same defendants remained in default. They also premised that they want and by the present they are invoking the right due to them by means of clause 5 of the private writing de quo to terminate the lease immediately and take back the keys after the lapse of fifteen days from the date from which the defendants are called upon by a letter as stated above and this without

atturi jipproċedu għall-ġbir ta' l-arretrati lilhom dovuti u talbu għalhekk lill-Ewwel Onorabbli Qorti biex (1) jiġi ddikjarat u deċiż illi l-konvenuti huma morużi fil-ħlas tal-kera għall-fond fuq imsemmi .....Omissis.....

(2) jiġi ddikjarat u deċiż illi l-lokazzjoni datata 11 ta' Marzu 1998 rigwardanti l-fond mingħajr numru uffiċjali fi Triq ir-Ramla ta' San Tumas fl-inħawi magħrufa bħala 'is-Simar' Wied il-Għajn, .....Omissis..... hija mitmuma u per konsegwenza l-konvenuti qegħdin jokkupaw u jiddetjenu l-istess fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u għandhom jirritornawh lill-atturi, (3) jiġu l-konvenuti kkundannati sabiex fi żmien qasir u perentorju illi jiġi lilhom prefiss jiżgombraw mill-fond imsemmi fit-talba preċedenti, (4) jiġu l-konvenuti solidalment kkundannati jħallsu lill-atturi s-somma ta' Lm4,260 in linea ta' arretrati ta' kera għall-fond imsemmi fit-tieni talba lilhom mikri mill-atturi, bl-ispejjeż, .....Omissis..... kontra l-konvenuti li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi kontra l-konvenuti inkluż dik għad-danni.

Illi l-esponenti bin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha eċċepiet illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuta mara hija separata minn ma' żewġha l-konvenut l-ieħor u għandhom is-separazzjoni tal-beni bejniethom; .....Omissis..... (2) Illi l-ġestjoni tan-negozju msemmi huwa mhux biss amministrat mill-konvenut raġel iżda wkoll kull qligħ mill-istess negozju huwa perċepit minnu; (3) illi d-djun magħmula fil-ġestjoni ta' dan in-negozju fosthom il-ħlas ta' kera, huma a kariku tal-konvenut raġel a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni ġa fuq imsemmi; (4) illi l-artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili jvesti l-amministrazzjoni ta' l-atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita l-kummerċ u għalhekk il-konvenuta mara mhijiex responsabbli għall-ħlas tal-kera ġa ladarba hija qatt ma eżerċitat kummerċ; (5) salv eċċezzjonijiet oħra;

Illi bis-sentenza tagħha mogħtija fl-10 ta' Ottubru 2005, l-ewwel Onorabbli Qorti laqgħet it-talbiet attriċi ddikjarat li l-konvenuti huma morużi fil-ħlas tal-kera għall-fond fuq imsemmi u għalhekk qegħdin jokkupaw u jiddetjenu l-istess fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u għandhom jirritornawh lill-atturi; ikkundannathom sabiex fi żmien xahar improrogabbli jiżgombraw mill-fond imsemmi; ikkundannat lill-konvenuti solidalment iħallsu lill-atturi s-somma ta'

prejudice that the plaintiffs proceed for the collection of arrears due to them, and asked the Honourable Court of First Instance in order (1) that it be declared and decided by the defendants that they are in delay in the payment of rent for the premises above mentioned.....Omissis.....

(2) it be declared and decided that the lease dated 11th March 1998 regarding the premises without official number in Ramla Street, San Tumas in the vicinity known as 's-Simar' Wied il-Ghajn,...Omissis..... is terminated and consequently the defendants are occupying and holding the same premises without any valid title at law and are to return it to the plaintiffs, (3) the defendants be condemned so that within a short and peremptory period that shall be fixed to them, they vacate from the premises mentioned in the preceeding demand , (4) the defendants be condemned in solidum to pay the plaintiffs the sum of Lm4260 by way of arrears of rent for the premises mentioned in the second demand, granted on lease to you by the plaintiffs, with costs .....Omissis..... against the defendants who from now are summoned so that a reference to their evidence be made saving any other action due to the plaintiffs against the defendants including that for damages.

That the applicant by her note of pleas pleaded that the plaintiff's demands are unfounded in fact and at law, since the defendant woman is separated from her husband the other defendant and they have separated their estates; .....Omissis.....(2) That the administration of the business mentioned is not only administered by the defendant husband but also every profit is received by him; (3) that the debts incurred in the administration of this business amongst which the payment of rent, are to be borne by the husband, in terms of the contract of separation of estates already above mentioned; (4) that article 1324 of the Civil Code vests the administration of the normal acts of business administration on that party who is in fact carrying on the business and thus the defendant woman is not responsible for the payment of rent once she never carried on trade (5) saving further pleas;

That by its judgement given on the 10th October 2005, the Honourable Court of First Instance upheld the plaintiff's pleas declared that the defendants are in delay in the payment of rent above mentioned and are thus occupying and holding the same premises, without any valid title at law and are to return it to the plaintiffs, condemned them to pay within a month which is not to be extended, to vacate from the premises mentioned; condemned the defendants in solidum to pay the plaintiffs the

Lm4,260 in linea ta' arretrati ta' kera għall-fond imsemmi bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-esponenti.

Illi l-esponenti ħasset ruħha aggravata bis-sentenza hekk mogħtija u minnha qed tinterponi umli appell lil din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravju ta' l-esponenti huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti;

Illi l-kera pretiż mill-atturi hu relattiv għall-perjodi 3 ta' April, 2003, sat-2 ta' April 2004, u mit-3 ta' April 2004 sat-2 ta' April 2005;

Illi l-konvenuta Angelina Deguara għaddiet għas-separazzjoni tal-beni fl-4 ta' Ġunju 2002, filwaqt li għaddiet għas-separazzjoni personali b'żewġ kuntratti rispettivament datati l-1 ta' Ġunju 2004 u l-1 ta' Diċembru 2004;

Illi jirriżulta għalhekk illi l-kera kollu pretiż mill-atturi sar dovut wara li seħħet is-separazzjoni tal-beni;

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet hekk fis-sentenza tagħha;

' ……Din l-iskrittura ġiet ffirmata miż-żewġ konvenuti u dan meta l-komunjoni ta' l-akkwisti kienet in vigore bejn iż-żewġ konvenuti. Ma jirriżultax li f'xi mument il-konvenuta infurmat lill-atturi li hija ma baqgħetx responsabbli għal-lokazzjoni jew li kien bi ħsiebha tittermina dina l-lokazzjoni. Għalhekk skond l-artikolu 1001 tal-Kap. 16 il-kuntratt għandu effett bejn il-partijiet li kkuntrattaw biss u ma jistax ikun ta' ħsara jew ta' ġid għal ħaddieħor…'

Illi fil-każ tas-separazzjoni tal-beni magħmula bejn il-konvenuti u debitament iskritta fir-Reġistru Pubbliku, ma setgħetx l-Ewwel Onorabbli Qorti tinjora la l-għarfien daparti ta' terzi li neċessarjament isegwi mill-fatt ta' reġistrazzjoni pubblika u lanqas l-effetti ta' l-istess separazzjoni tal-beni fir-rapporti ma' terzi;

……..Omissis……

Illi l-artikolu 1330 tal-Kodiċi Ċivili jitkellem dwar meta l-krediturі tal-komunjoni ta' l-akkwisti jistgħu jinforzaw it-talba tagħhom in subsidium kontra l-beni parafernali tal-miżżewġin. Din il-possibilità hi legalment esklużа meta d-dejn jinħoloq mill-eżerċizzju ta' sengħa, negozju jew professjoni kif imsemmi fl-artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili;

sum of Lm4,260 by way of arrears of rent for the premises mentioned with costs and interest against the applicants.

That the applicant felt aggrieved by the judgement given and is thus humbly filing an appeal before this Court.

That the grievance is clear and manifest and consists in the following;

That the rent claimed by the plaintiffs is relative for the periods 3rd April 2003, till the 2nd April 2004 and from the 3rd April 2004 till the 2nd April 2005;

That the defendant Angelina Deguara passed on to the separation of estates on the 4th June 2002, whilst she proceeded for personal separation by two contracts respectively dated 1st June 2004 and the 1st December 2004;

That it thus resulted that all the rent demanded by the plaintiffs became due following the separation of estates;

That the Honourable Court of First Instance said thus in its judgement;

'…….This writing was signed by the two defendants and this when the community of acquests existed between the two defendants. It does not result at any moment that the defendant informed the plaintiffs that she was no longer responsible for the lease or that she intended to terminate this lease. Thus according to article 1001 of Chapter 16 the contract has effect between the parties who contracted only and cannot be of damage or benefit to others….'

That in the case of separation of estates made between the defendants and duly enrolled in the Public Registry, the Honourable Court of First Instance could ignore the acknowledgment on the part of third parties which necessarily follows from the fact of registration and nor the effects of the same separation of estates as regards third parties;

……..Omissis……

That article 1330 of the Civil Code deals with the case when the creditors of the community of acquests can enforce their demand in subsidium against the paraphernal property of the spouses. This possibility is legally excluded when the debt results from the exercise of a trade, business or profession as mentioned in article 1324 of the Civil Code;

Illi fil-każ tal-konvenuti:

(A) il-komunjoni ta' l-akkwisti ġiet terminata;

(B) Francis Deguara waħdu kien jiġġestixxi n-negozju tal-fond lokat;

(C) il-fond tal-partijiet 'Julley Fra' Triq Melchiorre Gafà, iż-Żejtun sar jappartjeni esklussivament lill-konvenuta Angelina Deguara u għalhekk b'effett tal-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni beda jitqies parafernali tagħha skond l-artikolu 1334 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi jekk anki meta tkun tissussisti l-komunjoni ta' l-akkwisti d-dejn konness ma' l-eżerċizzju ta' negozju minn parti waħda biss fiż-żwieġ ma jistax jolqot il-beni parafernali tal-parti l-oħra, dan għandu jkun iktar il-każ meta l-komunjoni ta' l-akkwisti tkun ġiet terminata;

Illi dan qed jingħad għaliex tkun konsegwenza inevitabbli tad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti illi nostante t-terminazzjoni tal-komunjoni bejn il-konvenuti, reża pubblika kif fuq spjegat, u l-ġestjoni esklussiva tan-negozju da parti tar-raġel Francis Deguara, il-mara Angolina Deguara tiġi li se jkollha twieġeb bil-beni parafernali tagħha;

Illi inoltre l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tippronunzja ruħha fuq l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-esponenti u tiddeċiedi fuqhom billi tiċħadhom jew tilqaħhom u tagħti r-raġunijiet għaliex;

L-esponent għalhekk filwaqt illi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Ottubru 2005, fil-kawża fl-ismijiet premessi, kif ukoll għall-provi prodotti u dawk li għad jistgħu jkun produċibbli skond il-liġi, titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet attriċi u takkolji l-eċċezzjonijiet ta' l-esponenti.

Notifika: Francis Deguara 32, 'Julliefra' Triq Melchiorre Gafà, iż-Żejtun.

Reġistru tal-Qorti Superjuri (Appelli Superjuri) illum 31 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That in the case of the defendants;

(A) the community of acquests was terminated;

(B) Francis Deguara alone administered the business of the premises leased;

(C) the premises of the parties 'Julley Fra' Melchiorre Gafa Street, Żejtun is now the excusive property of the defendant Angelina Deguara and thus as a consequence of the deed of separation of estates it is considered as her paraphernal property according to article 1334 of the Civil Code;

That thus even when the community of acquests subsists the debt relative to the carrying on of trade by one party only in marriage cannot burden the property of the other party, this should be more so, when the community of acquests is terminated;

That this is being stated because it is an inevitable consequence of the decision of the Honourable Court of First Instance that notwithstanding the termination of the community of acquests between the defendants, rendered public as above explained and the exclusive administration of the business by the husband Francis Deguara, the wife Angolina Deguara shall have to guarantee with her paraphernal property;

That furthermore the Honourable Court of First Instance failed to pronounce itself on all the pleas of the applicant and decide on them by rejecting or upholding them and give the reasons why;

That the applicant whilst referring to the judgement given by the First Hall Civil Court of the 10th October 2005,in the cause in the names premised as well as to the proof produced and those producible according to law, prays with respect that this Honourable Court revokes and cancels the judgement appealed by rejecting the demands of the plaintiff and upholding the pleas of the applicant.

Notify : Francis Deguara, 32, 'Julliefra' Melchiorre Gafà Street, Żejtun.

Registry of the Superior Courts ( Superior Appeals) today 31st August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LLD,
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

**DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA**
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

---

**PUBBLIKAZZJONIJIET MIXXELLANJI**
MISCELLANEOUS PUBLICATIONS

| | |
|---|---|
| Bejtiet il-Lingwa – Aspetti tal-Lingwa fil-Folklor Malti | Lm 2.00c |
| Child Protection – Procedures for Schools | Lm 1.50c |
| Geological Maps of Malta | Lm 7.00c |
| Geological Maps of Gozo | Lm 5.00c |
| Geological Maps of Malta and Gozo | Lm10.00c |
| Il-Bennej | Lm 3.50c |
| Il-Ġaħan ta' Binġemma | Lm 2.00c |
| Il-Ħajja ta' Rużar Briffa – Oliver Friggieri | Lm 1.00c |
| Il-Miġja tal-Franċiżi f'Malta – Ktejjeb ta' Tifkira 1798-1998 | Lm 1.00c |
| Leli ta' Ħaż-Żgħir – G. Ellul Mercer | Lm 1.00c |
| Santo Spirito Hospital | Lm 2.00c |
| Syllabus for the Primary School – Years 4,5 and 6 | Lm 1.00c |

---

**PUBBLIKAZZJONIJIET STATISTIĊI**
STATISTICAL PUBLICATIONS

| | |
|---|---|
| Agriculture and Fisheries 2002 (CD Rom) | Lm 2.00c |
| A Window on the World of Work | Lm 2.00c |
| Abstract of Statistics 2000 | Lm 5.00c |
| Benchmarking Malta in Europe | Lm 3.00c |
| Children | Lm 3.00c |
| Culture Statistics 2004 | Lm 2.00c |
| Demographic Review 2003 | Lm 3.00c |
| Education Statistics 2002 (CD Rom) | Lm 4.50c |
| Environment Statistics 2006 | Lm 5.00c |
| Household Budgetary Survey | Lm 8.00c |
| Kultura 2000 - A Survey On Cultural Participation | Lm 3.00c |
| Malta in Figures 2002 (CD Rom) | Lm 2.00c |
| Malta in Figures 2005 | Lm 2.00c |
| National Accounts of the Maltese Islands 1999 | Lm 3.00c |
| Shipping and Aviation Statistics 2002 (CD Rom) | Lm 4.50c |
| Social Protection in Malta - A Statistical Analysis of Social Protection Accounting 1998 – 2002 | Lm 4.00c |
| Social Welfare - Orientated Non-Governmental Organisations - A Statistical Profile 2001 | Lm 2.00c |
| Sports Organisations 2000 – 2002 | Lm 3.00c |
| Survey on ICT Usage in Households 2002 | Lm 2.00c |
| Trade Statistics 2002 (CD Rom) | Lm 5.00c |
| Transport Statistics 2004 (CD Rom) | Lm 2.00c |

---

**Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni**
**3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta**

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

**DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA**
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

---

**PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI**
OFFICIAL PUBLICATIONS

| | |
|---|---|
| Acts of Parliament 2005 on compact disc (CD) | Lm 6.00c |
| Annual Reports of Government Departments – 2005 on compact disc (CD) | Lm 5.00c |
| CHOGM & State Visit Highlights in pictures on compact disc (CD) | Lm 3.00c |
| Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998 | Lm 1.00c |
| Code of Ethics for Members of the Judiciary | Lm 1.00c |
| Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education | Lm 1.80c |
| Diskors tal-*Budget* 2006 | Lm 1.00c |
| Economic Survey 2005 | Lm 2.00c |
| Electoral Register, April 2006 | Lm10.40c |
| Electoral Register, Local Councils, April 2006 | Lm40.35c |
| Estimates 2006 | Lm 2.00c |
| Euro Changeover checklists for Business organisations | no charge |
| Final Report: Pensions – Adequate & Sustainable | Lm 3.50c |
| Financial Report 2005 | Lm 3.00c |
| Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements | Lm 1.40c |
| Il-Manwal tal-President tar-Repubblika | 50c |
| Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq | Lm 1.00c |
| Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti | Lm 1.00c |
| Legal Notices and Bye-Laws 2005 on compact disc (CD) | Lm 6.00c |
| Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni | Lm 1.00c |
| Malta's Parliament – An Official History | Lm18.00c |
| Mid-Year Report by the Auditor General – Public Accounts 2005 | Lm 1.75c |
| National Curriculum on its Way – Proceedings | Lm 2.40c |
| National Curriculum on its Way – Strategic Plan | Lm 1.00c |
| National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged | 25c |
| Performance Audit – Acquisition of Property by Government – Report by the Auditor General | Lm 1.75c |
| Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section | Lm 1.50c |
| Performance Audit – Government Transport | Lm 1.50c |
| Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division | Lm 1.75c |
| Performance Audit – Licensing and Testing Department | Lm 1.50c |
| Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites | Lm 1.50c |
| Performance Audit – Managing Procurement – Road Construction and Restoration Projects | Lm 1.75c |
| Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports | Lm 1.50c |
| Performance Audit – Quality of Life for the Elderly at St. Vincent de Paul Residence | Lm 1.50c |
| Performance Audit – School Information System – Education Division | Lm 2.00c |
| Performance Audit – School Transport System – Education Division | Lm 1.50c |
| Performance Audit Report – The Functions of the Tax Compliance Unit | Lm 1.50c |
| Portfolio Assessments | Lm 4.00c |
| Preliminary Master Plan for the Euro Changeover in Malta | no charge |
| Public Service Management Code (6th Edition – December 2005) | Lm 7.00c |
| Rapport Finali – Pensjonijiet: Adekwati u Sostenibbli | Lm 3.50c |
| Report of the Auditor General – Public Accounts 2004 | Lm 1.50c |
| Risk Management in Government Departments - An Audit Approach | Lm 1.50c |
| Subsidiary Legislation for the Year 2005 | Lm22.00c |
| The Highway Code | Lm 1.00c |
| The Press Act | 50c |
| The Registers of the Medical Council (Malta) 2005 | Lm 3.00c |
| White Paper – Pensions Adequate & Sustainable | Lm 4.00c |
| Work and Activities of the National Audit Office 2005 | Lm 1.00c |

---

**Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni**
**3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta**
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*